

Dispożittiv

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma għandhiex il-kompetenza sabiex tirrispondi għad-domanda magħmula mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Sicilia (l-Italja).

(¹) ĠU C 207, 20.07.2013.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal d'instance et de proximité de Bordeaux (Franza) fid-9 ta' Diċembru 2013 – Thierry Delcigne vs Commune de Lesparre Médoc, Préfet de la Gironde

(Kawża C-650/13)

(2014/C 129/08)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal d'instance et de proximité de Bordeaux

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Thierry Delcigne

Konvenut: Commune de Lesparre Médoc, Préfet de la Gironde

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat bħala li jipprekludi li artikolu tal-liġi nazzjonali jżomm fis-seħħ projbizzjoni, li barra minn hekk hija indefinita u sproporzjonata, li persuni kkundannati qabel id-dħul fis-seħħ tal-liġi kriminali inqas ħarxa Nru 94-89 tal-1 ta' Frar 1994 jibbenefikaw minn piena inqas severa?
- 2) L-Artikolu 39 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea applikabbli għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew għandu jiġi interpretat bħala li jimponi fuq l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea l-obbligu li ma jipprevedux projbizzjoni ġenerali, indefinita u awtomatika mill-eżerċizzju tad-drittijiet ċivili u politiċi, bil-għan li ma tinħoloqx inugwaljanza fit-trattament bejn iċ-ċittadini tal-Istati Membri?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fit-13 ta' Diċembru 2013 – Astellas Pharma Inc. vs Polpharma SA Pharmaceutical Works

(Kawża C-661/13)

(2014/C 129/09)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberlandesgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Astellas Pharma Inc.

Konvenuta: Polpharma SA Pharmaceutical Works

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 10(6) tad-Direttiva 2011/83/KE (¹) għandu jinfetx bħala li jfisser li l-esklużjoni tal-protezzjoni mogħtija mill-privattiva tapplika wkoll fil-każ ta' azzjonijiet ta' tqegħid għad-dispożizzjoni li permezz tagħhom terz joffri jew jipprova lil produttur ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, minħabba raġunijiet purament kummerċjali, sustanza protetta minn privattiva li l-produttur ta' prodotti mediċinali ġeneriċi jkollu l-intenzjoni juża sabiex iwettaq studji jew provi fid-dawl ta' awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni jew ta' approvazzjoni fis-sens tal-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti mediċinali, skont l-Artikolu 10(6) tad-Direttiva 2001/83/KE?